MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2015

Avviz Numru. 40/2014

**Generation UK Limited**
**vs**

**Dolphin Industrial Services Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors promotur ippresentat fil 5 ta’ Frar 2014 fejn is-socjeta rikorrenti talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta intimata thallasha s-somma ta’ erbat elef, tmien mija u hamsa u disghin Euro u hamsin centezmu (€4,895.50) rappresentanti ammont dovut lilha. Bl-imgahx legali mid-data tal-fatturi sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez ta’ l-ittra ufficjali 2931/13 datata 3 ta’ Dicembru 2013 u tal-Mandat ta’ Sekwestru ippresentat.

Rat illi fis 17 ta’ Marzu 2015 gie ippresentat kapitolu fil-konfront tas-socjeta intimata.

Rat illi fil 21 ta’ Marzu 2014 deher ir-rappresentant tas-socjeta intimata, Daniel Farrugia, illi talab li jikkontesta t-talba u ghalhekk inghata terminu sabiex jippresenta l-eccezzjonjiet tieghu.

Rat l-eccezzjonijiet ippresentati mis-socjeta intimata fil-11 ta’ April 2014 fejn eccepiet, preliminarjament, in-nullita’ ta’ l-azzjoni odjerna stante illi s-socjeta rikorrenti hija socjeta estera u ma ghandha ebda rappresentanza hawn Malta u ghalhekk, a tenur ta’ l-Artikolu 930 tal-Kap 12, kellhom jinhatru kuraturi. Fuq il-meritu, is-socjeta intimata sahqet illi dak mitlub ma kienx dovut abbazi tal-fatt illi kienu gia saru hafna pagamenti akkont tas-somma dovuta

lilha filwaqt illi insistiet illi l-bilanc ma kienx aktar dovut stante illi l-materjal u prodotti fornuti ma kienux konformi ma' dak mitlub mis-socjeta intiamta lis-socjeta rikorrenti.

Rat l-affidavit ta' **Susan Pearson**, ippresentat fit-23 ta' Mejju 2014 flimkien ma' dokumentazzjoni maghha anness.

Rat illi fit-23 ta' Mejju 2014 is-socjeta rikorrenti iddikjarat illi ma kienx fadallha provi x'tippresenta.

Rat illi fil-11 ta' Lulju 2014 il-Qorti giet infurmata mis-socjeta intimata illi kienet disposta taghmel proposta ghal transazzjoni.

Rat illi fl-1 ta' Dicembru 2014, wara illi l-Qorti giet infurmata illi t-transazzjoni ma wasslietx, xehed **Daniel Farrugia**, rappresentant tas-socjeta intimata u ippresenta dokumentazzjoni.

Rat illi fis-16 ta' Frar 2015, il-Qorti giet infurmata illi s-socjeta intimata kellha bzonn l-ahhar seduta biex tressaq il-provi taghha.

Rat illi fid-9 ta' April 2015, is-socjeta intimata ma ressqet ebda provi u ghalhekk il-Qorti dikjarat l-istadju tal-provi tas-socjeta intimata bhala maghluq u differiet il-kaz ghas-sottomissjonijiet finali.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta rikorrenti ippresentata fl-24 ta' April 2015.

Rat illi is-socjeta intimata naqqset milli tippresenta s-sottomissjonijiet taghha.

Rat illi fit-30 ta' April 2015 il-Qorti iddifferiet il-kawza odjerna ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta mill-provi prodotti mis-socjeta rikorrenti, illi s-socjeta intimata kienet, ghal dawn l-ahhar tmien snin, tixtri materjal ta' *scaffolding* minghand is-socjeta rikorrenti, u dejjem saru l-pagamenti necessarji.

Jirrizulta illi, mument minnhom, skond is-socjeta rikorrenti, ordnat konsenja merkanzija minghand is-socjeta rikorrenti, liema merkanzija kienet tammonta fil-valur ta' ftit anqas minn tlieta u tletin elf Liri Sterlini, u li kellha tithallas nofs ma' l-ordni, u il-bilanc meta l-merkanzija tkun lesta biex tintbghat.

Jirrizulta illi, minkejja illi l-pagament inizjali sar, il-bilanc ma thallasx izda s-socjeta intimata assikurat lis-socjeta rikorrenti illi malli tasal il-merkanzija, huwa jhallas il-bilanc.

Jirrizulta illi attwalment, meta wasslet il-merkanzija Malta, is-socjeta intimata baqghet ma hallsietx il-bilanc dovut, u wara illi l-merkanzija baqghet Malta ghal aktar minn xahar, is-socjeta rikorrenti sabet bejgh lill-terzi ta' l-istess merkanzija izda inkorriet varji penali illi gew stmati fil-valur ta' erbghat elef u wiehed u sebghin Lira Sterlina u ghoxrin centezmu (£4,071.20), kif ahjar deskritt a fol 40 tal-process.

Jirrizulta illi s-socjeta rikorrenti baqghet titlob lis-socjeta intimata sabiex thallas il-bilanc dovut u, minkejja diversi assikurazzjonijiet da' parte tas-socjeta intimata illi tali hlas kien ser isir, dana baqa' qatt ma sar, u ghalhekk is-socjeta rikorrenti kellha taghmel il-proceduri odjerni.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi skond is-socjeta intimata, meta wasslet il-konsenja f'Malta, gie konstatat illi kien hemm hsarat fil-merkanzija u ghalhekk talbu lis-socjeta rikorrenti sabiex jirrimpjazzaw il-merkanzija difettuza filwaqt illi zammew l-ahhar pagament sakemm il-merkanzija tigi rimpjazzata.

Jirrizulta, izda, dejjem skond is-socjeta intimata, illi tali merkanzija qatt ma giet rimpjazzata u ghalhekk huwa zammew l-ahhar pagament dovut lis-socjeta rikorrenti peress illi kienu tilfu l-bejgh tal-merkanzija danneggjata.

**Ikkunsidrata**

Il-Qorti ma tistax, l-ewwel u qabel kollox, ma tosservax illi hija rinfaccjata b'zewgt verzjonijiet diamettrikament opposti fejn is-socjeta rikorrenti qieghda tghid illi merkanzija mibghuta lis-socjeta intimata eventwalment inbieghet lill terzi u huma biss l-ispejjez minnhom inkorsi li ghandhom jithallsu mis-socjeta intimata, filwaqt illi s-socjeta intimata qieghda tghid illi l-merkanzjia wasslet u ingabret minnhom izda kien hemm difetti fiha u ghalhekk, l-ahhar pagament, ossija l-bilanc mitlub fil-kawza odjerna, ma huwiex dovut lis-socjeta rikorrenti minhabba f'tali difetti.

Stante illi hemm kunflitt car u manifest, il-Qorti ser ikollha tistrieh fuq id-dokumentazzjoni esebita miz-zewgt partijiet, partikolarment l-*emails* u korrispondenza skambjata bejn iz-zewgt partijiet u esebita miz-zewgt partijiet fil-kawza odjerna.

Mill-korrispondenza esebita mis-socjeta intimata, jirrizulta illi fit-8 ta' Mejju 2015, l-istess socjeta intimata gharrfet lis-socjeta rikorrenti illi kien hemm hsarat fil-merkanzija illi kienu rcevew, u dana jidher a fol 74 tal-process.

Jirrizulta, izda, minn korrispondenza esebita mis-socjeta rikorrenti, illi l-merkanzija li ntbghatet lis-socjeta intimata u li l-ispejjez tal-garr taghhom u penalitajiet qieghda tigi hawn mitluba, wasslet Malta **biss** fit 13 ta' Mejju 2013 (fol 37), u jirrizulta ukoll illi dana it-trailer bil-merkanzija attwalment **qatt** ma gie rilaxxjat.

Jirrizulta, ukoll illi l-import ta' dak kollu rikjest mis-socjeta rikorrenti, kif dettaljat f'email esebit mis-socjeta rikorrenti datata 5 ta' Gunju 2013 a fol 40 tal-process, jirrigwarda unikament it-trailer ta' merkanzija mibghut lis-socjeta intimata u qatt migbur mill-istess socjeta intimata.

Ghalhekk, kwalsiasi pretensjoni illi l-pagament ma kellux ikun dovut stante illi l-merkanzija kkonsenjata ma kienetx tal kwalita' pattwita certament ma ghandha ebda konnessjoni mal-kawza odjerna.

**Ikkunsidrat**

Is-socjeta intimata, fl-eccezzjonijiet preliminari taghha, qajjmet id-difiza illi, la darba s-socjeta rikorrenti ma kienetx residenti Malta, ghalhekk l-azzjoni odjerna kienet null u bla effett.

Il-Qorti tosserva illi s-socjeta rikorrenti hija socjeta stabbilita gewwa l-Ingilterra illi hija membru tal-Unjoni Ewropea u ghalhekk, bhala socjeta registrata fl-Unjoni Ewropeja, hija ghandha dritt tipprocedi legalment f'kwalsiasi pajjiz fi hdan l-Unjoni Ewropeja, inkluz Malta, la darba issa niffurmaw parti mill-Unjoni Ewropea.

Ghalhekk, dina l-eccezzjoni preliminari ma tissusistix.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi u xhieda prodotti quddiemha,

Wara illi rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta rikorrenti

Tghaddi biex taqta' u tiddeciedi l-vertenza billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta intimata

**Tilqa** t-talbiet kollha attrici u ghalhekk

**Tikkundanna** lis-socjeta intimata thallas lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' erbat elef, tmien mija u hamsa u disghin Euro u hamsin centezmu (€4,895.50)

Imghax fuq l-ammont hawn fuq likwidat ikun dovut mid-data tal-presentata ta' l-avviz sad-data tal-agament effettic filwaqt illi l-ispejjez huma pagabbli kollha mis-socjeta intimata kif rikjest fl-avviz.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------